MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 730/2002

**Il-Prokuratur Legali Madeleine Firman fil-kwalita' tagħha ta' mandatarju speċjali fl-isem u għan-nom tas-soċjeta' estera In Wear Group A/S ta' Copenhagen, id-Danimarka.**

**-vs-**

**Carant Trading Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fis-26 ta' Ġunju, 2002 li permezz tagħha l-attriċi nomine ippremettiet:

Illi s-soċjeta' konvenuta għandha tagħti lill-attriċi nomine s-somma komplessiva ta' tlett mija sebgħa u tletin elf, u tmien

mija ħamsa u tmenin Kroner Daniż u nofs (DKK337,885.50) preżentament ekwivalenti għal *pressa poco* tmintax-il elf, mija disgħa u tmenin Lira Maltin (Lm18,189), dovuta mis-soċjeta' konvenuta lill-attriċi *nomine* in kwantu għall-ammont ta' mija u sebgħin elf, erba' mija u sebgħin punt tmenin Kroner Daniż (DKK170,470.80) bħala prezz ta' ħwejjeġ ossija *garments* u ħwejjeġ oħra relatati mibjugħa lis-soċjeta' konvenuta fuq ordni tagħha stess (*vide* l-prospett u l-fatturi dettaljati hawn annessi u markati bħala 'Dokument A') u, in kwantu għas-somma ta' mija sebgħa u sittin elf, erba' mija u erbatax punt sbatax-il kroner Daniż (DKK167,414.70) dovuta bħala prezz ta' għamara ossija *shop furniture* u ħwejjeġ oħra relatati mibjugħa lill-konvenuta fuq ordni tagħha stess (*vide* l-prospett u l-fatturi dettaljati hawn annessi u markati bħala 'Dokument B');

U li minkejja li l-attriċi *nomine* b'ittra uffiċjali tagħha tat-tmintax (18) ta' April, sena elfejn u tnejn (2002) debitament notifikata lis-soċjeta' konvenuta fit-22 ta' April, 2002, interpellat uffiċċjalment lis-soċjeta' konvenuta sabiex tħallasha l-ammont dovut, din xorta baqat inadempjenti (Dokument Ċ);

Għalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex;

1. Tiddeċiedi u tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lill-attriċi *nomine* għar-raġunijiet premessi s-somma komplessiva ekwivalenti fi flus maltin għal tlett mija sebgħa u tletin elf, u tmin mija ħamsa u tmenin u nofs Kroner Daniż (DKK337,885.50).

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-tmintax (18) ta' April, sena elfejn u tnejn (2002) u bl-imgħax kummerċjali mid-dati tal-fatturi relattivi kontra s-soċjeta' konvenuta li hija nġunta minn issa għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attriċi nomine maħlufa, u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta’ konvenuta ppreżentata fl-10 ta’ Ottubru, 2002 li permezz tagħha eċċepiet;

1. Illi preliminarjament il-prokuratriċi legali Madeleine Firman trid tipprova l-mandat tagħha,

2. Illi in meritu u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-ammont mitlub huwa wieħed eċċessiv stante illi l-ammonti rappreżentanti l-prezz ta’ *garements* u/jew ħwejjeġ oħra relatati, m’humiex dovuti u dan għaliex l-istess ħwejjeġ, minħabba dewmien kbir u rraġonevoli fil-konsenja tagħhom, reġgħu ntbagħtu lura mis-soċjeta’ konvenuta, u għaldaqstant l-istess soċjeta’ la rat il-ħwejjeġ in kwistjoni, li saħansitra lanqas ħarġu mid-dwana, u lanqas aċċettathom;

3. Illi in meritu u mingħajr preġudizzju għall-premess, in ogni każ l-azzjoni odjerna hija waħda frivola u vessatorja stante illi kif iddikjarat is-soċjeta’ attriċi stess fid-dikjarazzjoni tagħha, fl-aħħar ta’ Awissu, 2001, is-soċjeta’ eċċipjenti effettwat pagament ta’ 174,161.70 DKK (Dok hawn anness u mmarkat Dok. AD1), liema pagament, kif jidher ċar mill-ittra mibgħuta mis-soċjeta’ konvenuta lis-soċjeta’ attriċi (dokument hawn anness u mmarkat Dok. AD2), kien sar **a saldu** tal-kontijiet kollha pendenti tal-għamara kif ukoll tal-ħwejjeġ;

4. Illi għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta’ attriċi;

5. Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni tas-soċjeta’ konvenuta maħlufa minn Paul Gauci, I.D. nru. 174454(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Ottubru, 2006 li permezz tagħha l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi nomine qed titlob il-kundanna għal ħlas ta’ merkanzija illi kienet bagħtet lis-soċjeta’ konvenuta. Minn naħa tagħha din ta’ l-aħħar qed teċċepixxi illi hija kienet ħallset a saldu ta’ l-ammont dovut minħabba wkoll li l-oġġetti in kwistjoni kienu waslu tard u allura hija kienet bagħtithom lura. L-ewwel eċċezzjoni dwar il-mandat ta’ l-attriċi ġiet sorvolata billi ġiet esebita l-prokura (Dok. MF – fol 131A).

Il-*manager* ta’ l-*export sales* tas-soċjeta’ attriċi Mette Georgi xehdet a fol 109 tal-proċess u esebiet xi dokumenti oħra. Qalet li huma kienu ilhom jesportaw lis-soċjeta’ konvenuta mis-sena 2000 u qatt ma kellhom problemi. Qalet li l-merkanzija dejjem ġiet esport FOB u allura s-soċjeta’ konvenuta kienet tieħu ħsieb tat-trasport u kellhom ukoll rappreżentant fid-Danimarka għal dan l-iskop (Danzas Truck). Qalet li fir-rigward tax-*shipment* in kwistjoni kienu bagħtuh f’April fuq talba tas-soċjeta’ konvenuta stess. Fir-rigward tal-ħlas in kwistjoni qalet hekk; “*But we sent a statement in April, accordingly they sent us a bankdraft of an amount which was not corresponding to this amount. So what we did immediately after this bank draft overpayment is that in a letter which was made by our Finance Manager we notified Carant Trading that this does not cover the outstanding, and we also included other statements so we could not accept this as to cover the whole buisiness. Because what they did is they stated a full and final settlement.*” Mistoqsija mill-Qorti jekk sarrfux dan il-*bank draft* irrispondiet fl-affermattiv (fol 118), iżda li mmedjatament informaw lis-soċjeta’ konvenuta li ma kienx a saldu għaliex kien baqa’ bilanċ. Wara ppreżentat affidavit (fol 133).

Il-*manager* finanzjarju Kristian Keil Andersen tista’ tgħid ikkonferma x-xhieda ta’ Georgi. Ġie ukoll esebit affidavit ta’

Neils Hansen Friis, li huwa avukat Daniz, dwar il-liġi Daniża in materja, billi l-attriċi nomine qed issostni li din hija l-liġi applikabbli skond il-ftehim bejn il-partijiet li ġie wkoll esebit.

Għas-soċjeta’ konvenuta xehed Mario Gauci, direttur (fol 207). Qal li fir-rigward tal-konsenja in kwistjoni kien qal lill-atturi li ma riedx iktar konsenji iżda rċevewha l-għada u sa fejn ftakar kien diġa’ Mejju u qal ukoll li dejjem kellhom problemi bid-dewmien magħhom. Meta rċevewha ma aċċettaw xejn minnha. Direttur ieħor Paul Gauci ippreżenta affidavit (fol 224). Ġew it-tnejn kontro-eżaminati fis-seduta tat-22 ta’ Mejju, 2006 u ma setgħux jindikaw meta kienet dovuta tasal il-merkanzija.

Il-Qorti tħoss li dan il-fatt huwa importanti ħafna f’dan ir-rigward. Is-soċjeta’ konvenuta qegħda tkun vaga wisq fil-kwistjoni tad-dewmien u qed tkun l-arbitru hija stess ta’ dan. Fil-kuntratt bejn il-partijiet ma hemmx indikazzjoni preċiża ta’ meta kellhom jigu konsenjati l-oġġetti u barra minn hekk jekk ma ġiex pruvat dewmien fix-*shipment*, ir-responsabilita’ tas-soċjeta’ attriċi tieqaf hemmhekk għaliex kien allura responsabilta’ tar-rappreżentant tas-soċjeta’ konvenuta biex jara li dawn jaslu. Ladarba ma hemmx indikazzjoni ta’ dati, din l-eċċezzjoni ma tistax tintlaqa’.

Hija iktar problematika l-eċċezzjoni l-oħra dwar il-ħlas a saldu għaliex fil-kors tal-kawża allura qamet il-kwistjoni ta’ dritt internazzjonal privat dwar jekk tapplikax il-liġi tagħna jew dik Daniża. Jidher li ma hemmx konstestazzjoni da parti tas-soċjeta’ attriċi illi fil-liġi tagħna l-prevalenza assoluta ġurisprudenzjali hija fis-sens li meta d-debitur iħallas a saldu u l-ħlas jiġi aċċettat, il-kreditur ma jistax jesiġi aktar il-bilanċ jekk dan ikun dovut u ma jistax

arbitrarjament u unilateralment jaċċetta l-ħlas u fl-istess ħin iżomm ferm it-talba tiegħu fir-rigward – ara s-sentenzi indikati mill-konvenuti Fithome Limited vs Galaxy Holidays Resorts Limited (Prim'Awla 24 ta' Mejju, 2001), u Camilleri nomine vs calbros Limited (Prim'Awla 2 ta' Diċembru, 1999).

L-attriċi nomine pero' qed tinvoka l-klawsola finali tal-ftehim bejn il-partijiet illi jgħid; "*Danish Law shall govern the present agreement. Any dispute, if not amicably settled, shall be brought before the Maritime and Commercial Court of Copenhagen.*" Skond l-affidavit ta' l-Avukat Daniz, jidher li skond il-liġi tagħhom jekk il-kreditur jaċċetta l-ħlas pero' immedjatament jinforma lid-debitur li mhux qed jaċċetta l-ħlas a saldu, jibqalu d-dritt li jfittex għal bilanċ.

Il-konvenuti pero' qed isostnu illi ladarba l-attriċi nomine ippreżentat il-kawża Malta, issottomettiet ruħha għall-ġurisdizzjoni u kwindi għal-liġi Maltija. L-awtur **Cheshire** sa mill-edizzjonijiet tal-bidu jgħid illi; "*The problem of ascertaining the lex causae is more perplexing than in almost any other topic.*" (9th Ed paġna 202). Ma hemmx dubju li l-partijiet huma liberi li jagħżlu dik li għandha tkun il-*proper law* tal-kuntratt, sakemm ikun hemm element li jgħaqqad dik il-liġi ma' xi ħadd mil-partijiet jew ma' l-esekuzzjoni tal-kuntratt. "*It has been recognized policy since at least 1796 that at any time making the contract the parties may expressly select the law by which it is to be governed. They may declare their common intention by a simple statement that the contract shall be governed by the law of a particular country.*" (**Cheshire** op. cit. paġna 205) F'dan il-każ kien forsi naturali li tkun il-liġi Daniża dik applikabbli għaliex mhux biss is-soċjeta' attriċi hija Daniża, iżda l-esekuzzjoni tal-kuntratt kellha l-bidu tagħha hemmhekk.

Il-fatt li s-soċjeta' attriċi ssottomettiet ruħha għal ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin, pero' fil-fehma tal-Qorti ma jfissirx li hija aċċettat illi l-*proper law* tal-kuntratt in

kwistjoni hija l-liġi tagħna. Il-kwistjonijiet ta' l-għażla tal-liġi (*choice of law*) u l-għażla tal-ġurisdizzjoni (*choice of jurisdiction*) huma żewġ kwistjonijiet differenti. Huwa minnu li issa, ladarba s-soċjeta' attriċi ppreżentat il-kawża quddiem din il-Qorti ma tistax fil-futur tissottometti li l-Qrati tagħna ma għandhomx ġurisdizzjoni għaliex hija volontarjament issottomettiet ruħha għall-

ġurisdizzjoni tagħhom u d-deċiżjoni finali ta' din il-Qorti, jew eventwalment dik tal-Qorti ta' l-Appell jekk is-sentenza tiġi appellata, tkun tikkostitwixxi *res judicata*. Ma jfissirx pero' li l-partijiet b'daqshekk bidlu l-*proper law*, li għandha tibqa' dik pattwita bejn il-partijiet u huwa biss jekk jiftehmu mod ieħor li jistgħu ibiddluha. Jekk is-soċjeta' attriċi ppreżentat il-kawża Malta, kull ma għamlet kien li aġevolat lis-soċjeta' konvenuta li ġiet imħarrka fil-foro tagħha, iżda din il-Qorti tħoss li xorta għadha marbuta bid-disposizzjonijiet tal-liġi Daniża li ġiet magħżula mill-partijiet. Dan ifisser, kif ġie pruvat bid-deposizzjoni permezz ta' l-affidavit ta' l-Avukat Daniż fuq imsemmi, illi s-soċjeta' attriċi kienet ġustifikata li żżomm il-flus li rċeviet u tħarrek, ladarba innotifikat mill-ewwel b'dan il-ħsieb lis-soċjeta' konvenuta ossija l-ħsieb li kienet qed iżżomm ferm fit-talbiet rimanenti tagħha.

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta u tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti u bl-imgħaxijiet kif mitluba. L-ispejjeż pero', stante r-relattiva novita' tal-każ, ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------